MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Numru. 377/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Jacqueline Rapinett**

**(ID 56077(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Jacqueline Rapinett ta’ 36 sena, bint Carmelo u Pauline nee` Farrugia, imwielda il-Pieta` fil-25 ta’ Novembru 1976, residenti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 56077(M):

Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin fis-7 ta’ Ottubru 2012 u fix-xhur ta’ qabel din id-data:

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli b’hekk saret recidiva b’diversi sentenzi tal-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2015, l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha, liema ammissjoni hija regghet ikkonfermatha wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja ta' din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda sentenza fil-konfront tal-imputata u ghaldaqstant din l-imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputata li hija wahda refrattarja u sa Jannar tas-sena 2013, kienet tikkonsisti f'sittax-il faccata. Jirrizulta mill-istess fedina penali illi l-imputata giet ikkundannata diversi drabi dwar tlajjar ghal skopijiet ta' prostituzzjoni (fi tlieta u ghoxrin okkazzjoni) u serq aggravat (f'erba' okkazzjonijiet).

Qieset ukoll illi kif jirrizulta kemm mic-*charge sheet* odjerna, kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata[1], fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, hija kienet

[1] A fol. 2 *et seq* tal-process.

detenuta fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant japplikaw fil-konfront taghha d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi meta jsir xi reat minn persuna waqt li jkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta' sejbien ta' htija, ghandha tizdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m'ghandhomx japplikaw.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, l-ammissjoni bikrija tal-imputata u li dak li ta lok ghal dan il-kaz, kien rapport tal-istess imputata lill-pulizija ta' Rahal Gdid. Qieset ukoll ix-xhieda ta' Jacqueline Zammit[2], in rapprezentanza tal-Komunita` ta' Santa Maria, li spjegat illi l-imputata prezentement qeghda ssegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga gewwa l-Komunita` ta' Santa Maria, li ilha f'dan il-programm mill-14 ta' April 2015 u li l-andament taghha gewwa l-programm huwa wiehed tajjeb hafna.  Hija xehdet ukoll illi l-imputata qeghda tippartecipa bis-shih fis-sessjonijiet u qeghda turi motivazzjoni kbira.

Fic-cirkostanzi, fil-waqt illi l-Qorti qeghda tqis il-gravita` tar-reat ghaliex gie kommess fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – u kif inghad f'dan ir-rigward japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – ma tistax tinjora l-progress li ghamlet u qeghda taghmel l-imputata u li kemm jista' jkun, dan il-progress m'ghandhux jigi stultifikat.  Ghaldaqstant qeghda timponi piena karcerarja fil-minimu taghha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 31 u 33A tal-Kap. 9, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fil-waqt illi qed issib lill-imputata mhux hatja tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha u qeghda tilliberaha minnha, fuq ammissjoni, qed issibha hatja tal-ewwel imputazzjoni u qed tikkundannaha ghall-**piena ta' tliet (3) xhur prigunerija effettiva**.

[2] A fol. 30 *et seq* tal-process.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri.

Tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs, fl-ewwel lok illi huwa ferm importanti illi l-imputata tinghata l-opportunita` li tiskonta l-piena karcerarja moghtija permezz ta' din is-sentenza, fl-intier taghha, gewwa l-programm residenzjali li bhalissa qeghda ssegwi fi hdan il-Komunita` ta' Santa Marija u fit-tieni lok, kemm il-darba ma jkunx possibbli illi tibda tiskonta din il-piena minnufih gewwa l-imsemmi programm, l-imputata ghandha tibda tiskonta din il-piena gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli, fejn ghandha tinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex tibqa' miexja fit-triq tar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------